MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 836/2009

PJ Sutters (Marketing) Limited (C35984).

Vs

Mario Cini (Id. 320660M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elf, mitejn, sitta u tmenin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€1,286.43) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija li giet ordnata minn u kkonsenjata lill-konvenut. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma dana l-att u ta’ l-ittri bonarji datati 26 ta’ Marzu 2009 u 4 ta’ Settembru 2009, u bl-imghax kummercjali mid-9 ta’ Mejju 2008, data ta’ l-ahhar konsenja, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elf, mitejn, sitta u tmenin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€1,286.43), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------